

Brussell, 18 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11227/18

DAPIX 238
COMIX 413
CRIMORG 103
ENFOCUSTOM 160
ENFOPOL 388
JAI 782

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10550/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-"DEĊIŻJONIJIET TA' PRÜM" għaxar snin wara l-adozzjoni tagħhom

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, adottati mill-Kunsill fit-3632 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Lulju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL**DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-"DEĊIŻJONIJIET TA' PRÜM"****GĦAXAR SNIN WARA L-ADOZZJONI TAGĦHOM****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

JISSOTTOLINJA l-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE billi jsir użu sħiħ mill-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE u billi tiżdied u tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu miġġielda t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali b'mod aktar effettiv;

FILWAQT LI JQIS id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali,¹ u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI² b'tali mod li l-Istati Membri jagħtu aċċess reċiproku lil xulxin għad-data ta' referenza fil-bażijiet tad-data tagħhom dwar id-DNA u dawk dattiloskopiċi u għad-data dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi, u fl-istess ħin jipprovdhom b'firxa wiesja ta' forom ta' kooperazzjoni, inkluż operazzjonijiet konġunti, rondi konġunti u assistenza b'rabta ma' ġemgħat tal-massa, diżastri u inċidenti serji;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li waħda mill-prijoritajiet l-aktar importanti tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna għall-UE 2015-2020 (imsejħa wkoll l-"Istrateġija ta' Sigurtà Interna Mġedda"³) hija li tindirizza t-theddid għas-sigurtà attwali, b'mod partikolari dak li ġej mit-terroriżmu u l-kriminalità serja u organizzata u li l-użu effettiv u effiċjenti tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" hu meqjus essenzjali għall-intensifikazzjoni fl-iskambju ta' informazzjoni, il-kooperazzjoni transkonfinali tal-infurzar tal-liġi, għaż-żieda fil-fiduċja reċiproka u għall-appoġġ tas-soluzzjoni ta' delitti serji u t-twettiq ta' investigazzjonijiet terroristiċi;

¹ ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1

² ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12

³ 9798/15

FILWAQT LI JIKKONFERMA l-ħtieġa ta' skambju ta' informazzjoni mtejjeb, b'mod partikolari abbażi tal-prinċipji ta' disponibbiltà u aċċess ekwivalenti, bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-prevenzjoni tal-kriminalità u l-investigazzjoni ta' reati kriminali, u li waqt li huwa konxju li filwaqt li jirrispettaw ir-responsabbiltajiet nazzjonali għas-salvagwardja tal-liġi u għas-salvagwardja tas-sigurtà interna, jeħtieġ li l-Istati Membri jaħdmu flimkien aħjar biex jindirizzaw it-theddidiet transkonfinali;

FILWAQT LI JQIS li l-Unjoni Ewropea jeħtieġ li tkun aktar b'saħħitha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u wieħed mill-għanijiet tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" huwa l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-reati ta' terroriżmu permezz tal-iskambju effettiv tad-data;

FILWAQT LI JFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Intensifikazzjoni tal-Implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" wara l-iskadenza tas-26 ta' Awwissu 2011⁴, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mudell Ewropew ta' Skambju ta' Informazzjoni (EIXM)⁵, il-Pjan Direzzjonali għat-titjib tal-iskambju tal-informazzjoni u l-ġestjoni tal-informazzjoni, inkluż soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni⁶ u l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà⁷;

B'KONT MEĦUD TA':

- il-konklużjoni imminenti ta' Ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea, fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm";
- il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja dwar l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm";

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li t-tiftix u l-paragun awtomatizzat tal-profilu tad-DNA, id-data dattiloskopika u data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, kif ukoll forom oħra ta' kooperazzjoni (operazzjonijiet konġunti, rindi konġunti u assistenza b'rabta ma' ġemgħat tal-massa, diżastri u inċidenti serji) huma essenzjali sabiex jiġu indirizzati t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali;

⁴ 17762/11

⁵ 9811/13

⁶ 7931/1/18 REV 1

⁷ COM 2015 185/F1

FILWAQT LI JQIS l-importanza tad-data forensika ta' kwalità għolja li għandha tiġi skambjata bejn l-Istati Membri u li l-"Pjan ta' Azzjoni dwar it-triq 'il quddiem fid-dawl tal-ħolqien taż-Żona Ewropea tax-Xjenza Forensika (EFSA)"⁸ għandu l-għan li jtejjeb u jappoġġa l-implimentazzjoni tal-iskambju awtomatizzat ta' data skont Prüm f'dan ir-rigward;

FILWAQT LI JILQA' l-isforzi li saru mill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġa l-implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" u l-progress sinifikanti li sar mill-Istati Membri sa mill-bidu tal-proċess;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI:

- li sa tmiem l-ewwel nofs tal-2018, 24 Stat Membru kienu operazzjonali għal skambju awtomatizzat ta' data rigward id-DNA, 24 rigward id-data dattiloskopika, u 24 dwar data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, u
- li għadd konsiderevoli ta' konnessjonijiet bilaterali ġew stabbiliti bejn l-Istati Membri operazzjonali;

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA:

- li l-implimentazzjoni tal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI jenħtieġ li titlesta malajr kemm jista' jkun;
- l-importanza tal-proposti ta' interoperabbiltà tal-Kummissjoni u tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" fid-dawl ta' stampa eżawrjenti dwar id-disponibbiltà ċentralizzata u deċentralizzata tal-informazzjoni fi ħdan l-UE;

JAPPELLA lill-Istati Membri li għadhom mhux operazzjonali skont il-Kapitolu 2 ta' hawn fuq biex iniedu l-proċeduri ta' evalwazzjoni pendenti malajr kemm jista' jkun;

⁸ 8770/16

JISTIEDEN lill-Istati Membri operazzjonali skont il-Kapitolu 2 ta' hawn fuq:

- biex ikompli jwessgħu l-konnettività operazzjonali bejniethom rigward l-iskambju awtomatizzat ta' fajls tad-DNA, data dattiloskopika u dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi;
- jużaw aktar frekwentement l-għodod kollha offruti mid-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" għal skambju ta' data awtomatizzat kif ukoll għal forum oħra ta' kooperazzjoni;
- biex itejbu il-kondiviżjoni tal-informazzjoni mal-Europol fil-limiti tal-kompetenzi tiegħu u għat-twettiq tal-kompiti tiegħu;
- biex jistiednu grupp ta' esperti tad-DAPIX biex jevalwaw il-fluss tal-ħidma tal-Prüm bil-għan li jitħaffef il-proċess ta' skambju ta' informazzjoni ta' segwitu b'kunsiderazzjoni xierqa għal legislażzjoni oħra tal-UE (eż. f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI (Inizjattiva Żvediża));
- biex jistiednu gruppi ta' esperti tad-DAPIX biex jevalwaw tal-fluss tal-ħidma fil-qasam ta' Prüm għal aktar żviluppi bil-ħsieb ta' teknoloġiji bijometriċi ġodda possibbli, eż. sistemi ta' rikonossiment tal-uċuh;
- biex jippromwovu l-potenzjal tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" u jxerrdu aktar l-għarfien dwar is-suġġett fost l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti involuti fil-kooperazzjoni transkonfinali, mhux biss f'termini tal-ġlieda kontra l-kriminalità iżda wkoll f'termini ta' prevenzjoni tal-kriminalità;
- biex jimplimentaw bis-sħiħ l-istrumenti bbażati fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 5 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u jesploraw l-opportunitajiet għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali;

JAPPELLA lill-Kummissjoni:

- biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri billi tipprovdi finanzjament għall-implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" skont il-programmi nazzjonali fi ħdan il-Fond għas-Sigurtà Interna – Pulizija;
- biex tikkunsidra li tirrevedi d-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI u d-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI wara l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom mill-Istati Membri kollha bil-ħsieb li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet u, għal dak il-għan, biex taġġorna r-rekwiżiti tekniċi u legali meħtieġa;

JISTIEDEN lill-Europol:

- biex jappoġġa l-iskambju ta' informazzjoni tal-Istati Membri wara l-hits ta' DNA/FP/VRD ta' Prüm u jkompli jipprovdi lill-Istati Membri bi pjattaforma għall-kondiviżjoni tal-esperjenza u l-aħjar prattiki dwar Prüm (pjattaforma EPE);
- biex jeżamina l-possibbiltà li jsir sieħeb fil-qafas ta' Prüm bil-ħsieb li jkun possibbli li jitqabblu d-DNA, il-marki tas-swaba' u d-data dattiloskopika ma' pajjiżi terzi, li magħhom l-Europol għandu ftehim operazzjonali, filwaqt li jikkunsidra bis-sħiħ il-prinċipju tal-proprjetarju tad-data⁹;

JAPPELLA lill-Presidenzi li jmiss:

- biex ikomplu jrawmu l-implimentazzjoni tad-"Deċiżjonijiet ta' Prüm" sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ tal-potenzjal ta' dan l-istrument kruċjalment importanti għall-kooperazzjoni transkonfinali fl-infurzar tal-liġi.

⁹ 6724/18